MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' April, 2008

Avviz Numru. 122/2003

**Alec Anderson**

**Vs**

**ASP Management Services Limited**

## Il-Qorti:-

Rat l-avviz pprezentat mill-attur nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Frar 2005 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thalsu s-somma ta' tlett elef mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltin (LM3,225) rapprezentanti s-salarju ta' xaghrejn (2) '*notice*' mill-ghaxra (10) t'April 2002 sal-ghaxra (10) ta' Gunju 2002 u dan skond l-Artikolu 9.1 tal-Kuntratt t'Impieg bejn il-partijiet datat l-ewwel (l) ta' Jannar 2001.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 292/03 u tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju Numru 293/03 ipprezentati fil-wiehed w

ghoxrin (21) ta' Frar 2003 u bl-imghaxijiet kollha sad-data tal-pagament effettiv kontra taghhom.

Ir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta kien ukoll ingunt in subizzjoni.

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet is-segwenti:-

1. Illi preliminarjament l-eccezzjoni ta' *litis pendentia* peress li appell mid-decizjoni tat-Tribunal Industrijali ghadu pendenti, l-Qorti hija ghalhekk mitluba li tissoprasjedi u/jew tistenna l-ezitu tal-kawza l-ohra.
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess dan it-Tribunal huwa nkompetenti skond il-ligi ghaliex fil-fatt, l-attur tkecca fuq bazi gustifikata.
3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont pretiz mhux dovut ghaliex il-konvenut ivvjola t-termini tal-kuntratt billi kien hemm fatti materjali bhal ma huma l-kondotta kriminali, il-mod kif gab ruhu bhala mpjegat, japplika ghalhekk il-principju *inademplendum non est ademplendi*.
4. Salvi eccezzjonijiet ohrajn.

Rat il-verbal tat-tletin (30) ta' Mejju 2003 fejn il-partijiet qablu li huwa opportun li din il-kawza tistenna l-ezitu bid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell wara d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali u kien ghalhekk li l-kawza giet differita sine die riappuntabbli wara decizjoni finali fil-kawza imsemmija li ghandha tigi identifikata permezz ta' nota da parti tal-atturi.

Rat in-nota tal-attur prezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tmienja (8) ta' Lulju 2004 fejn permezz ta' l-istess ghamel referenza ghall-verbal tat-tletin (30) ta' Mejju 2003 fl-ismijiet premessi fejn intalab li terga tigi riappuntata din il-kawza wara d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell.

Illi nhar l-ewwel (1) ta' Gunju 2006 l-attur ipprezenta l-affidavit tieghu flimkien ma serie ta' dokumenti. Huwa jghid li f'Ottubru 2000 huwa kien gie mpjegat mis-socjeta konvenuta bhala *Management Consultant* kif jirrizulta mid-

dokument esebit u markat bhala Dok. AA 1. Huwa kellu jipprovdi *Performance Measurement & Management Consulting Services* lill- klijenti. B'dan huwa ried ifisser li kellu jizviluppa *performance metrics* maghrufa bhala *performance metrics* jew *performance indicators KPIs* ghall-klijent bazat fuq is-*strategic and operational goals* taghhom, u bazat fuq fuq il-*performance metrics* li kienu determinati biex jizviluppaw u jimplimentaw sistema ta' *management* biex jaraw kemm kienu qed jahdmu sew dawn il-*metrics* li kienu qed juzaw il *PMM software PB views.*

Jispjega li l-ewwel progett tieghu kien mal-klijent JT International. Dan ix-xoghol kien jinvolvi safar ta' kull gimgha fl-ufficcini tal-klijent gewwa Genevra fl-Isvizzera. Huwa kellu joffri support lil Alex Wells Senior Consultant sabiex jispicca l-progett ta' Global PMM ghall-klijent skond d-Dok. AA 2 esebit fl-atti. Wara, kellhom jintroducu u jimplimentaw dan il-mudel fi swieq differenti fi-dinja. L-ewwel kellu jghamel evalwazzjoni ta dan il-progett fl-ufficcini tal-klijent taghhom gewwa Kuala Lampur, fil-Malasja. Fil-fatt huwa kien dam hemm il-Malasja flimkien ma dan Alex Wells ghall-perijodu ta' tlett xhur.

Stqarr li hadem bhala konsulent taht is-supervisjoni ta' Alex Wells ghall-ewwel sitt xhur mas-socjeta konvenuta. Wara dan l-impieg li kellu gewwa l-Malasja, huwa gie assenjat numru ta' doveri ta' Senior Consutant. Wara ghal perijodu ta' sena huwa beda jimmaniggja progetti ohrajn madwar id-dinja. Kien responsabbli ghall-implimentazzjoni ta' dan il-progett gewwa Singapore, imbaghad il-Canada u sahansitra l-Italja. Jghid li kien ikkunsidrat bhala il-*lead Consultant* ghal progetti kif jirrizulta mid-Dok. AA 3. Huwa ma kellux l-kariga ufficcjali ta' Senior Consultant, ghalkemm kien jaghmel dak il-grad ta' xoghol. Huwa ta' diversi assistenzi lil numru ta' klijenti madwar l-Ewropa. Jghid illi huwa ghogbu ix-xoghol, pero l-iskarigg tal-ivvjaggar kien jikkawzalu *stress*. Jghid li fl-ahhar tas-sena 2001 l-moral tal-kumpanija ma kienx wiehed gholi w ghalhekk ziedlu l-i*stress*. Huwa fil-fatt indika fl-ittra li huwa baghat ghar-rizenja tieghu esebita fl-

atti w immarkata bhala Dok. AA 4, certu mizuri li fil-fehma tieghu kienu qed jaffettwaw l-operat tal-kumpanija.

Ikkonferma li huwa baghat l-ittra tar-rizenja tieghu fid-disgha (9) t'April 2002, lil Bord Esekuttiv tal-kumpanija u dan skond il-klawsola 9.1 tal-ftehim tal-impieg tieghu datat l-ewwel (1) ta' Jannar 2001. Huwa pero ma tkellimx dwar ir-rizenja tieghu m'impjegati ohra. Huwa rrizenja minhabba numru ta' ragunijiet imsemmija fl-affidavit tieghu. Qal li bhala salarju huwa kellu 46,000 Euros. Ir-rizenja tieghu giet accettata nhar l-ghaxra (10) t'April 2002 kif jirrizulta mid-Dok. AA 7.

Illi fit-tnax (12) t'April 2002 huwa rcieva korrispondenza mighand is-socjeta konvenuta li l-impieg tieghu kien gie terminat minhabba *gross misconduct* (Dok. AA 9). Jghid li fil-fehma tieghu li s-socjeta konvenuta ma xtaqitx li huwa jahdem in-*notice period* tieghu ta' xahrejn w ghalhekk iddecidiet li titterminalu l-impieg b'mod ingust sabiex b'hekk ma thalsux ghal dawn ix-xahrejn u cioe s-somma ta' 9,583.33 Euros skond il-kuntratt t'impieg tieghu esebit fl-atti w immarkat bhala Dok. AA 5. Jafferma l-fatt li kieku ma baghtx ir-rizenja tieghu ma kienx jigi mkecci ghaliex jghid li kien ben vist mas-socjeta konvenuta (vide Dok. AA 3).

Illi minn ezami tal-process jirrizulta li s-socjeta konvenuta talbet diversi differimenti sabiex tressaq il-provi taghha, izda dan nonostante fit-tmien differimenti li nghatawlha matul medda ta' hmistax il-xahar, din naqset li tghamel dan.

Ghalhekk il-Qorti hija biss rinfaccjata b'dawk il-provi mressqa mill-attur permezz tal-affidavit tieghu u n-numru konsiderevoli ta' dokumenti minnu esebiti.

Ikkunsidrat:-

Fl-ewwel lok is-socjeta konvenuta eccepiet in linea preliminari l-eccezzjoni ta' *litis pendentia* peress illi appell mid-decizjoni tat-Tribunal Industrijali kien ghadu pendenti.

Illi minn ezami tal-process jirrizulta li dan l-appell gie deciz fil-mori ta' dawn l-istess proceduri permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar l-erbgha w ghoxrin (24) ta' Marzu 2004 fl-ismijiet **Alec Anderson vs ASP Management Services Limited.**

Ghalhekk m'hemmx dubbju li din l-eccezjoni llum hija sorvolata w ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tikkummenta ulterjorment dwarha.

Fit-tieni lok is-socjeta konvenuta teccepixxi li minghajr pregudizzju ghall-premess, dan it-Tribunal huwa nkompetenti skond il-ligi ghaliex fil-fatt, l-attur tkecca fuq bazi gustifikata.

Illi l-Qorti tirrileva li din il-kawza mhiex bazata fuq kwistjoni jekk is-socjeta konvenuta kienitx gustifikata li tkecci lill-attur jew le, izda ghandha bhala kawzali taghha talba ghall-kundanna ta' somma flus li tirrapprezenta xahrejn *notice money* li m'ighatawx lill-attur skond l-kuntratt t'impieg tieghu.

Is-socjeta konvenuta ma resqet l-ebda raguni 'l ghala l-attur m'ghandux jithallas is-somma mitluba minnu fl-avviz.

Fit-tielet lok ukoll minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta konvenuta eccepiet li l-ammont pretiz mhux dovut, haliex l-attur ivvjola t-termini tal-kuntratt billi kien hemm fatti materjali bhal ma huma l-kondotta kriminali, il-mod kif gab ruhu bhala mpjegat, u japplika ghalhekk il-principju *inademplendum non est ademplendi.*

Illi minn ezami tal-atti processwali Is-socjeta konvenuta ma ressqet l-ebda prova sabiex tissostanzja din l-eccezzjoni taghha u minn ezami okkurat tad-dokumenti esebiti mill-attur zgur li dawn il-fatti ma jirrizultawx.

Il-Qorti ezaminat il-Kuntratt t'Impieg li kien hemm bejn il-partijiet esebit fl-atti u minn ezami tal-klawsola 9.1 taht l-intestatura 'Termination of Employment' jirrizulta li s-socjeta konvenuta hija obbligata thallas lill-attur ' *the salary and any contractual benefits which may be due by*

*the company'* ghal perijodu ta' xahrejn wara li l-impieg jigi terminat.

Ghalhekk l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta qeghdin kollha jigu michuda.

**Ghadaqstant il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta, qed tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tlett elef mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltin (LM3,225) ekwivalenti ghas-somma ta' sebat elef mitejn w erbatax l-Euro, rapprezentanti s-salarju ta' xahrejn (2) '*notice*' mill-ghaxra (10) t'April 2002 sa l-ghaxra (10) ta' Gunju 2002 u dan skond l-Artikolu 9.1 tal-Kuntratt t'Impieg bejn il-partijiet datat l-ewwel (l) ta' Jannar 2001.**

**L-ispejjez u l-imghax skond il-ligi ghandhom jigu sopportati wkoll mis-socjeta konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------